**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 76/2020

Il-Pulizja

Spettur Jonathan Ransley

Vs

Natalie Bonello

Seduta tas-7 ta' Frar, 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanta Natalie Bonello detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 568675 (M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli nhar is-7 t'April 2020 ghall-habta tas-2:15 ta' wara nofsinhar minn gewwa 20, St.Joseph Triq Nazju Falzon, Msida ikkommettiet serq ta' gojjellerija u/jew affarijiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-lok u bil-valur, liema ammont jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Carmela Pace.

Il-Qorti kienet mitluba li titratta mal-imputata bhala recediva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta hi kienet misjuba hatja u kkundannata ghar-reati, b'sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-4 ta' Gunju 2020, li biha sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u kkundannatha ghal piena ta' prigunerija ghal tlett snin u nofs li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputata ghamlet taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih hija kienet qed tiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija.

Il-Qorti ordnat li l-atti ta' din il-kawza flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Natalie Bonello pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Gunju 2020 li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha **tvarja** u tirriforma s-sentenza moghtija nhar l-4 ta' Gunju 2020 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-proceduri fl-ismijiet premessi billi, filwaqt li tikkonfermha f'dik il-parti taghha fejn sabet l-appellanta hatja tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena inflitta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravam singolari li din hija waħda esagerata tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-imputata, r-ritorn tal-oġġetti misruqa u li bil-koperazzjoni tagħha l-Pulizija rnexxielha ssolvi ħames każi oħra ta' serq li fihom kienet parteċipi l-istess imputata;

2. Illi fuq talba tal-appellanti, l-Qorti ordnat li jitħejja Social Inquiry Report liema rapport kien debitament imħejji mill-Uffiċċjal tal-Probation u l-appellanta tistrieħ fuq l-istess in sostenn tat-twemmin tagħha li tingħata piena anqas gravuża;

3. Illi minn eżami tal-atti processwali u b'mod partikolari tas-sentenza appellata, jemerġi illi l-imputata verament rreġistrat ammissjoni fl-inizzju tal-proċeduri kontra tagħha u li rritornat l-oġġetti tad-deheb minnha misruqa appena l-Pulizija aċċediet fir-residenza tagħha għaliex fehemet ir-raġuni li għaliha kienet qed tkun indagata. Ir-raġuni għaliex l-imputata tressqet quddiem l-ewwel Qorti kienet li bi skema kodarda waqt il-qofol tal-pandemija Covid-19 hi u persuna oħra ħabtu fuq bieb ta' persuna anzjana li prestatilhom il-fiduċja tagħha wara li l-imputata allegat li kienu jiffurmaw parti mill-*home care* u għalhekk staqsewha jekk kelliex ħtieġa ta' xi għajnuna. Bl-aktar mod kodard, minflok għajnuna, l-imputata, serqitilha oġġetti tad-deheb li l-anzjana kellha fir-residenza tagħha;

4. Issa, kif kostantement deċiż minn din il-Qorti, l-ammissjoni ma ġġibx magħha xi dritt awtomatiku għall-riduzzjoni fil-piena u li min jirreġistra ammissjoni għandu jistenna li jingħata dik il-piena erogabbli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Ugwalment pależi hija l-prassi li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżerċitata

mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li l-piena kellha tkun anqas, jew fil-kaz ta' appell mill-Avukat Generali, aktar, minn dik fil-fatt erogata u sakemm din tkun fil-parametri tal-ligi. Ezaminata l-parti decizorja tas-sentenza appellata, jemergi illi l-ewwel Qorti ghamlet kunsiderazzjoniijiet dettaljati tal-piena erogabbli qabel ma finalment waslet ghall-piena lamentata mill-appellanta. L-ewwel Qorti korrettament irrelevat li d-delitt in kwistjoni kien soggett ghall-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin li izda ma setghetx tinghata fil-minimu taghha b'dan allura illi fit-termini tal-artikolu 20 tal-Kodici Kriminali, l-piena kellha tinkludi terz tad-differenza bejn il-massimu u l-minimu li allura jissarfu f'minimu ta' tlieta u ghoxrin xahar prigunerija. Inoltre, r-ritorn tal-oggetti misruqa qabel l-inizzju tal-proceduri kien jintitola lill-imputata ghal-riduzzjoni tal-piena b'zewg gradi izda bl-ammissjoni tal-addebitu tar-recidiva din terga' titla' b'zewg gradi ohra;

5. Il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali refrattarja tal-imputata minn fejn jirrizulta illi hija pluri recidiva ukoll fir-reat ta' serq. Ikkunsidrat ukoll id-delitt mertu tal-appell huwa ta' natura gravi u jassumi natura aktar gravi meta kommess taht skema li fih hadet vantagg mill-vulnerabilita' ta' anzjana fl-eqqel ta' pandemia li biha rebhet il-fiducja tal-istess anzjana u serqitha fi hwejjigha stess;

6. Illi ghalhekk, tikkonsidra li l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet aktar vicina l-minimu, proporzjonata u certament ma tistax l-appellanta tilmenta dwar dan. Jekk l-appellanta trid tiehu bis-serjeta' r-riabilitazzjoni taghha jkun jaqbel lilha li tifli sew r-

rapport tal-ufficcjal tal-probation li fih hemm dikjarazzjoni partikolari li din il-Qorti ma tistax ticcita stante l-kunfidenzjalita' imposta mill-Kapitolu 446. Hija l-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz partikolari illi l-appellanta jehtieg li taghmel il-kontijiet mas-socjeta' li ghenita ghal diversi drabi biex tibda t-triq ta' riabilitazjoni b'ghoti ta' diversi ordniijet ta' probation u b'sentenzi sospizi izda ma gharfitx tiehu l-opportunita' u tisfrutta l-istess ghal-gid taghha. Ix-xoghol li l-imputata qieghda tizvolgi gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin huwa sinjal pozittiv hafna u l-Qorti tittama li z-zmien li qed tqatta' hemm jghinha fir-rizoluzzjoni taghha ghal-dan ic-ciklu negattiv fil-hajja taghha;

7. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.